*Danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol;*
*Kap 424; art 1031 tal-Kap. 16*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Ottubru, 2019**

**Numru 6**

**Rikors Numru 613/10TA**

**Mario Micallef**

**vs**

**Valletta Gateway Terminals Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-Attur Mario Micallef ippreżentat fis-17 ta' Ġunju 2010 u maħluf minnu stess fl-istess jum li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

"1. Illi r-rikorrent hu *registered port-worker* u fit-2 ta' April 2008 kien qed jaħdem b'inkarigu tas-soċjeta' intimata abbord il-vapur "M.V. Alianca" li kien sorġut f'Deep Water Quay, Marsa.

2. Illi waqt li r-rikorrent kien qed jagħmel xogħol lilu ordnat mis-soċjeta' intimata ta' ħatt ta' *bundles* ta' injam stivat fil-bastiment imsemmi, u

dan mill-bastiment imsemmi għal fuq il-moll, *bundle* tal-injam li kien qiegħed fuqha r-rikorrent ċediet.

3. Illi dan seħħ waqt li r-rikorrent kien qiegħed jagħmel *slinging* tal-*wire-rope* madwar il-*bundles* tal-injam, biex dawn il-*bundles* ta' injam jinqabdu u jiġu mniżżla l-art bil-krejn appożitu, bil-konsegwenza li meta l-imsemmi *bundle* ċeda u miel, ir-rikorrent waqa' minn fuqu u nstabat fuq *bundles* oħra tal-injam.

4. Illi b'konsegwenza ta' dan ir-rikorrent ġarraf korriment serju konsistenti fi ksur taż-żewġ idejn, u dam diversi xhur ma jistax jattendi fuq il-post tax-xogħol tiegħu u b'hekk sofra *loss of wages*.

5. Illi s-soċjeta' intimata hi responsabbli għal dan il-korriment u d-danni konsegwenzjali peress li l-inċident fuq imsemmi seħħ unikament b'tort, bi ħtija, b'negligenza u traskuraġni tagħha li, kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, naqset li tosserva l-obbligu impost fuqha mil-liġi li bħala prinċipal tiżgura ambjent ta' xogħol ħieles mill-perikoli għall-ħaddiema u għalhekk iżżomm *a safe working environment*.

6. Illi s-soċjeta' intimata ġiet interpellata biex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha li sofra r-rikorrent f'dan l-inċident iżda baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Tgħid għalhekk is-soċjeta' intimata għaliex għar-raġunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi s-soċjeta' intimata hi responsabbi għall-inċident li fih safa korrut ir-rikorrent waqt li kien qed jaħdem b'inkariku tal-istess soċjeta' intimata li seħħ fit-2 ta' April 2008 abbord il-vapur "M.V. Alianca" li kien sorġut f'Deep Water Quay, Marsa.

2. Tilliwida d-danni sofferti mir-rikorrent minħabba dan l-inċident u l-korriment konsegwenzjali, u dana okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata biex tħallas lir-rikorrent id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra s-soċjeta' intimata li hi nġunta għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjetá Konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited ippreżentata fil-31 ta' Awwissu 2010 u maħlufa fl-istess

data minn Doreen Curmi in rappreżentanza tal-istess Soċjetá li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:-

"1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-kawża odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi fit-tieni lok u in linea preliminari, is-soċjeta' esponenti ma hijiex il-prinċipal tal-attur u qatt ma kienet, u għalhekk ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika u/jew kuntrattwali bejn l-attur u s-soċjeta' esponenti ta' din ix-xorti, u għalhekk in kwantu l-azzjoni proposta mill-attur hija impernjata fuq il-kunċett ta' relazzjoni bejn il-prinċipal u l-impjegat, l-azzjoni ma tistax tissussisti;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur;

4. Illi l-inċident mertu ta' din il-kawża seħħ waqt li l-attur kien abbord il-valur 'M.V. Alianca', fejn is-soċjeta' esponenti m'għandha ebda setgħat jew responsabilitajiet;

5. Illi f'kull każ, l-inċident odjern ma seħħx tort ta' xi nuqqasijiet attribwibbli lis-soċjeta' esponenti u għalhekk id-dikjarazzjoni kontenuta f'paragrafu ħamsa tar-risposta ġuramentata qed tiġi kontestata in kwantu s-soċjeta esponenti bl-ebda mod ma naqset mid-dmirijiet tagħha skond il-liġi;

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fi kwalunkwe każ l-inċident mertu ta' din il-kawża seħħ anke minħabba nuqqas da parti tal-attur li jsegwi proċeduri ta' prudenza fl-esekuzzjoni ta' xogħlu u/jew fuq il-post tax-xogħol;

7. Illi għalhekk l-ewwel talba attriċi kif diretta kontra s-soċjeta' esponenti m'għandhiex tintlaqa';

8. Illi konsegwentement m'hemmx danni x'jiġu likwidati jew imħallsa mis-soċjeta' esponenti u għalhekk it-tieni u t-tielet talbiet għandhom jiġu miċħuda;

9. Salvi eċċezzjonijiet oħra premessi mil-liġi."

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Marzu 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-Sentenza parzjali fuq l-eċċezzjoni ulterjuri tas-Soċjetá Konvenuta abbażi tal-artikolu 29 tal-Kap. 352 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni preliminari tal-istess Soċjetá Konvenuta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u t-tieni eċċezzjoni tal-istess Soċjetá Konvenuta u ċioè li ma għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-Attur;

Rat l-avviż tat-13 ta' Frar, 2019 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imħallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li bis-saħħa tiegħu l-kawża odjerna ġiet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diġa` mħollija għas-sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

**1.** L-Attur huwa ħaddiem tax-xatt (*registered port-worker*). Huwa jgħid li nhar it-2 ta' April 2008 kien qed jaħdem fuq inkarigu tas-Soċjetá Konvenuta abbord il-vapur "M.V. Alianca" li kien sorġut f'Deep Water Quay, Marsa. Waqt li kien qed iħott bundles ta' injam stivat f'dan il-bastiment, l-Attur waqa' wara li ċediet il-bundle tal-injam li kien qiegħed fuqha. B'konsegwenza ta' dan il-korriment l-Attur kiser idejh it-tnejn u dam ix-xhur sa ma kien f'qaghda li jidħol lura għax-xogħol.

**2.** L-Attur isostni li s-Soċjetá Konvenuta għandha twieġeb għal dan il-korriment u għalhekk għad-danni konsegwenzjali għaliex l-inċident seħħ unikament b'tort, b'ħtija u b'negliġenza u traskuraġni tagħha peress li naqset milli tosserva l-obbligu impost fuqha mil-liġi li bħala prinċipal tiżgura ambjent ta' xogħol ħieles mill-perikoli għall-ħaddiema u għalhekk naqset milli żżomm *a safe working environment* (ara premessa numru ħamsa a' fol 2). Huwa talab li s-Soċjetá Konvenuta tikkumpensaħ għad-danni sofferti minnu minħabba dan l-inċident.

**Punti ta' Liġi**

**3.** It-talba tal-Attriċi hija waħda għad-danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol. L-Attur jinsisti li s-Soċjetá Konvenuta hi responsabbli għal dan il-korriment u d-danni konsegwenzjali.

**4.** Ġie ritenut li:

"*Il-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u r-responsabbiltajiet ta' min iħaddem huma ben stabbiliti fil-ġurisprudenza tagħna u anke mfissra f'Liġi speċjali.*

*Bħala prinċipju ġenerali l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta` fuq ix-xogħol għandu jitqies ta' interess pubbliku" (Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) tal-Att XXVII of 2000 (Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Sussegwentement dan l-obbligu kompla jiġi regolat bl-Avviż Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u b l-Avviż Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18).).*

*Huwa dmir ta' min iħaddem li jipprovdi dik li tissejjaħ bhala "a safe system of work", b'dan li huwa obbligu tiegħu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' perikolu u riskji għas-saħħa u l-ħajja tal-istess impjegat - Att biex jippromwovi s-**Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol - Att Numru VII tal-1994** fl-**artikolu 2(2)(a) u (b)** (Ara per.es.- "**John Sultana vs Francis Spiteri et noe"** (K. 28 ta' Mejju 1979); **"Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et noe"** (A.C. 7 ta' Diċembru 1994); **"Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine"** (P.A. 12 ta' Frar 1999)) li jelenka b'mod ġenerali d-dmirijiet ta' min iħaddem. Ukoll "Huwa dmir ta' kull min jaħdem fuq post tax-xogħol li jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema l-oħra fl-istess post, kif ukoll tiegħu stess" (**Art. 2(2)(c) Att. VII tal-1994**).*" (**Robert Azzopardi vs Gutenberg Press Limited, Qorti Ċivili Prim' Awla, 31 ta' Ottubru 2013**).

**5.** Fis-Sentenza **Carmelo Fenech vs Malta Freeport Terminals mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef fis-16 ta' Mejju 2019,** ingħad illi d-dottrina tgħallem li fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha (Art. 1031 tal-Kap 16).

**6.** B'żieda ma' dan, kull min iħaddem irid iwieġeb għal aġir mal-ħaddiem tiegħu sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod

għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh (**App. Ċiv. 28.4.2017 fil-kawża fl-ismijiet *Tessie Cardona et vs C.V. Builders Ltd. Et***).

**7.** Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa (Art. 6(2) tal-Kap 424) u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem Art. 6(3) tal-Kap 424.

**8.** Illi daqstant ieħor huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni **(Kumm. JH 9.9.1981 fil-kawża fl-ismijiet *Godfrey Borġ vs George Wells et noe* (mhix pubblikata**). Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident,

dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi (**P.A. 10.10.1980 fil-kawża fl-ismijiet *Calleja vs Fino* (mhix pubblikata**).

**9.** Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Art. 7(1) tal-Kap 424), u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (Art. 7(2) tal-Kap 424) u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farrugia vs Elbros Construction Ltd***). B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru (P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd***).

## Konsiderazzjonijiet

**10.** Senjalati l-prinċipji legali u ġurisprudenzjali applikabbli għall-każ li għandha quddiemha, din il-Qorti issa sejra tikkunsidra l-eċċezzjonijiet sollevati mis-Soċjetá Konvenuta.

**11.** Is-Soċjetá msemmija laqgħet għal din l-azzjoni billi preliminarjament eċċepiet il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-kors ta' dawn il-proċeduri permezz ta' risposta ġuramentata ulterjuri, is-Soċjetá Konvenuta eċċepiet ulterjorament li l-azzjoni odjerna hija wkoll preskritta ai termini ta' l-Artikolu 29 tal-Kap. 352 tal-Liġijiet ta' Malta (ara a' fol 174).

**12.** Is-Soċjetá Konvenuta eċċepiet ukoll preliminarjament, li hi "ma hijiex il-prinċipal tal-attur u qatt ma kienet, u għalhekk ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika u/jew kuntrattwali bejn l-attur u s-soċjetá esponenti ta' din ix-xorti, u għalhekk in kwantu l-azzjoni proposta mill-attur hija impernjata fuq il-kunċett ta' relazzjoni bejn il-prinċipal u l-impjegat, l-azzjoni ma tistax tissussisti".

*Relazzjoni Ġuridika*

**13.** Din il-Qorti se tibda billi tqis l-eċċezzjoni rigward in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika u/jew kuntrattwali bejn l-Attur u s-Soċjetá Konvenuta.

**14.** Fl-Affidavit tagħhom, Doreen Curmi u Enrico Overend li rispettivament jokkupaw il-kariga ta' Company Administrator u Assistant General Manager fi ħdan is-Soċjetá Konvenuta, isostnu għal raġunijiet hemm elenkati (ara fol 16-17 u 18-19), "li VGT ma hijiex il-prinċipal u lanqas id-datur tax-xogħol tal-ħaddiema tax-xatt skond it-termini tal-liġi u r-regolamenti tal-kundizzjonijiet tal-impjieg" (fol 16 u 18).

**15.** Iżda fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, "*ma għandux għalfejn li persuna tkun impjegat ta' xi ħadd biex titnissel ir-responsabbilta' għal korriment fuq post tax-xogħol (**P.A. GCD 10.7.2006 fil-kawża fl-ismijiet Benjamin Sammut vs Meli Bugeja & Co Limited** (in parte mhix appellata)). ... t-tifsira tal-kelma 'impjegat' fl-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol (Att XXVII tal-2000 (Kap 424)) hija waħda wiesgħa u tgħodd fiha wkoll saħansitra persuna li timpjega lilha nnifisha (Art. 2(1) tal-Kap 424).*" (**Ahmed Ibro Muhiddin vs. Greenlines Environmental Services Limited et**, **Qorti Ċivili Prim' Awla, 13 ta' April 2016**).

**16.** Tabilħaqq il-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta u l-liġijiet sussidjarji taħt l-istess bl-ebda mod ma jillimitaw ir-reponsabbilitá għall-inċidenti fuq il-post tax-xogħol bħala waħda dipendenti fuq relazzjoni kuntrattwali ta' bejn prinċipal u impjegat. Kif ġie kemm il-darba ribadit, il-kriterju li Qorti għandha tqis sabiex tiddetermina r-responsabbilitá għal dawn l-inċidenti huwa "jekk il-post tax-xogħol huwiex taħt il-kontroll ta' min jagħti x-xogħol" (**Benjamin Sammut vs Meli Bugeja Co. Ltd, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 10 ta' Lulju 2006** kkwotata wkoll mill-attur fin-nota a' fol 195) u mhux jekk minn jagħti x-xogħol iħallasx jew le s-salarju u l-bolla jew jimliex jew le l-Income Tax returns tal-ħaddiem in kwistjoni jew jekk għandux jew le kontroll dwar min jiġi ingaġġat jew tterminat fl-impjieg in kwistjoni jew jekk jiġix jew le infurmat dwar id-dettalji personali tal-

ħaddiem li jirraporta għax-xogħol jew tawtorizzax jew le t-teħid tal-leave jew sick leave jew jekk il-ħaddiem huwiex kopert taħt Employers' Liability ma' min jagħti x-xogħol.

**17.** Kif tgħallem il-Qorti tal-Appell fis-**Sentenza Alfred Mizzi vs Sullivan Maritime Limited (C 20340) et, 30 ta' Ottubru 2005** "Is-*senior administrator* tal-Malta Maritime Authority, li tmexxi x-xogħol fil-port, qal, u dan mhux kontestat, li hu l-aġent li jordna n-nies; hu l-aġent li jinforma lill-i*stevedore foreman* li hemm xogħol xi jsir abbord il-vapur, u minn hemm 'il quddiem il-*foreman* jorganizza kemm ikun meħtieġ li jitilgħu ħaddiema. Dawn il-ħaddiema, magħżula biex jaħdmu fuq il-vapur, ma jkunux impjegati tal-aġent, pero` jkun l-aġent li jitlob l-assistenza tagħhom; ikun hu li jqabbadhom u jibgħathom fuq il-lant tax-xogħol, u bħala konsegwenza għandu dmir u obbligu li jara li l-ambjent tax-xogħol ikun sikur u ħieles minn kull perikolu.

**18.** <u>Din ir-responsabbilta`ma hijiex dipendenti fuq relazzjoni kuntrattwali ta' bejn *employer* u *employee*</u>, u dan kif osservat espressament minn din il-Qorti fil-kawża **Mallia v. Cortis noe deċiża fis-7 ta' Ottubru 1996**. Kif kompliet tispjega l-**Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Spiteri v. Malta Freeport Terminals Ltd et deċiża fil-5 ta' Ottubru 2007:**

*"Kif qalet il-Qorti fis-sentenza P.A. Benjamin Sammut vs Meli Bugeja Co. Ltd 10/7/2006 <u>ir-responsabbiltà għal inċidenti fuq il-post tax-xogħol ma tqumx biss mir-relazzjoni ta' bejn ħaddiem u min iħaddmu. Meta l-</u>*

*ambjent tax-xogħol qiegħed taħt il-kontroll ta' min jagħti x-xogħol, dan għandu dmir illi jagħmel dak li hu raġonevolment meħtieġ u prattiku biex jelimina jew, għallinqas, inaqqas il-perikoli u r-riskji għal dawk li hu jqabbad biex jagħmlu xogħol fl-interess tiegħu f'dak l-ambjent. Il-kriterju għalhekk, huwa jekk il-post tax-xogħol huwiex taħt il-kontroll ta' min jagħti x-xogħol."*

**19.** Ġjaladarba s-Soċjeta` Sullivan Maritime Limited talbet hi li jsir xogħol fuq bastiment li tagħha kienet aġent, din hija responsabbli biex tara li l-ħaddiema li se jagħmlu xogħol inkarigat minnha u fejn tordna hi, ma jkunux f'riskju ta' ħsara. Kienet hi li talbet is-servizzi ta' ħaddiema għax-xogħol tagħha, u allura, f'dak il-mument, tassumi obbligu għall-inkolumita` tal-ħaddiema, li tista' tgħid saru "tagħha".

**20.** Kif qalet il-**Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Scicluna v. TN Waterproofing Ltd deċiża fl-20 ta' April 2007**:

*"Min iħaddem għandu jieħu taħt il-kontroll tiegħu s-sit fejn ikun se jibgħat il-ħaddiema tiegħu u jivverifika hu li dak is-sit mhux konduċenti għal perikli għas-saħħa tal-ħaddiema tiegħu. Huwa dover ta` min iħaddem li jispezzjona l-post, jevaljuwa r-riskji involuti u jinsisti mal-imprenditur li jagħmel ix-xogħolijiet meħtieġa biex ineħħi kull riskju ta` periklu; jekk l-imprenditur ma jkunx irid jikkoopera, allura min iħaddem għandu jirrifjuta jesegwixxi x-xogħol u jesponi l-ħaddiema tiegħu għal perikli. Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża "Bugeja vs Montanaro*

*Gauci", deċiza fl-14 ta` Mejju, 2004, "huwa daqstant importanti fil-kuntest ta` responsabbilita` li l-ambjent kollu fejn jaħdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-iċken possibilita` ta` infortunji fuq ix-xogħol. Dan l-obbligu huwa ġeneralment rikonoxxut bħala dmir tal-employer li jipprovdi 'a safe place of work'"." (emfazi ta' din il-Qorti).*

**21.** Din il-Qorti tikkondividi pjenament l-insenjament ta' din is-Sentenza u għalhekk tagħmel tagħha l-istess *ratio decidendi*.

**22.** Mill-kontro-eżami ta' Doreen Curmi ħareġ inkontestat li vapur jirmiġġja f'Deep Water Quay Marsa wara li l-aġent tiegħu jibgħat 'a berthing application' lis-Soċjetá Konvenuta Valletta Gateway Teriminal (ara xhieda a' fol 95). Il-merkanzija minn fuq il-vapur inħattet mill-istess Soċjetá Konvenuta Valletta Gateway Terminal (ara fol 96). Meta mistoqsija speċifikatament jekk il-VGT hijiex it-terminal operator ta' Deep Water Quay hija wieġbet fl-affermattiv:

"**Avukat:** *Il-VGT hija meqjusa bħala terminal operator bħala Deep Water Quay?* **Xhud:** *Iva*." (ara fol 96).

**23.** Is-sinjura Curmi tkompli tispjega li x-xogħol ta' ħatt ta' merkanzija isir kif ġej:

"**Avukat:** *Meta l-MV Aleanka f'dak il-każ ġie biex iħott għamel kuntatt dirett lis-sid jew l-aġent tal-bastiment mal-portworkers jew sar mill-VGT dan il-kuntatt ta' kemm kien hemm bżonn port workers biex jaħdmu fuqu.*

**Xhud:** *Aħna s-sistema qiegħda, l-aġent jinfurmana kemm fih xogħol. Aħna nagħmlu kuntatt mal-foreman biex ngħidulu aħna għandha dan it-tip ta' xogħol li jrid jinħatt. Il-foreman jgħid se ikun hemm bżonn ċertu ammont ta' nies....*

***Avukat:*** *Deep Water Bay min għandu l-kontroll effettiv tiegħu?* ***Xhud:*** *Valletta Gateway biss...*

**Avukat:** *L-operazzjoni tal-ħatt tal-merkanzija minn fuq il-bastiment Taljan dak inhar li seħħ l-inċident li qed nitkellmu dwaru, taħt il-kontroll ta' min kien?*

**Xhud:** *Kien Senior Operations Supervisor li kien qed jara min-naħa tal-VGT x'kien qed isir mix-xogħol.*

**Avukat:** *Jiġifieri qed nifhem sew li l-VGT għandha uffiċjal imsejjaħ bħala SOS li jkun qed jissorvelja l-operazzjoni.*

***Xhud:*** *Eżatt.*

***Avukat:*** *U naqblu li dik l-operazzjoni tkun taħt is-sorveljanza ta' dan l-uffiċjal*.

**Xhud:** Eżatt. ...

**Avukat:** *Mela x-xogħol tal-SOS huwa li jissorvelja li x-xogħol qed isir u qed isir sew. Impjegat ma min hu?*

**Xhud:** *Mal-Valletta Gateway Terminals* " (ara fol 96-102; sottolinear tal-Qorti).

**24.** Minn din ix-xhieda joħroġ b'mod inkonfutabbli li s-Soċjetá Konvenuta għandha fil-fatt il-kontroll tal-post tax-xogħol li huwa Deep Water Quay u li hi fil-fatt tinforma lil *port foreman* li hemm xogħol ta' ħatt xi jsir abbord il-vapur, u minn hemm 'il quddiem il-port foreman jorganizza kemm ikun meħtieġ li jitilgħu ħaddiema tax-xatt (ara wkoll f'dan ir-rigward ix-xhieda tal-manager tal-uffiċċju tal-Port Workers is-Sur Geroge Ciantar a' fol 123-125). Għaldaqstant, għalkemm dawn il-ħaddiema tax-xatt ma humiex impjegati tat-terminal operator, jiġifieri tas-Soċjetá Konvenuta, huwa t-terminal operator li jitlob l-assistenza tagħhom għax hu qed iqabbadhom u jibgħathom fuq il-lant tax-xogħol. Isegwi li t-terminal operator għandu r-responsabbilitá u l-obbligu li jara li l-ambjent tax-xogħol huwa sikur u ħieles minn kull perikolu.

**25.** Il-Qorti sejra għaldaqstant tiċħad it-tieni eċċezzjoni tas-Soċjetá konvenuta.

*L-artikolu 29 tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta' Malta*

**26.** Din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis l-eċċezzjoni ulterjuri abbażi tal-Artikolu 29 tal-Kap. 352 tal-Liġijiet ta' Malta u mill-ewwel tagħmel referenza għaż-żewġ sentenzi preżentati mill-attur permezz ta' nota a' fol 246 u 259. Dawn huma **Anton Debono vs Valletta Gateway Terminals**

**Limited et, Qorti Ċivili Prim' Awla, 8 ta' Frar 2017**, illum res judicata stante li l-Appell ġie ċedut, u **Joseph Casha vs. Valletta Gateway Terminals, Qorti tal-Appell, 13 ta' April 2018**.

**27.** Fiż-żewġ sentenzi, l-Qrati ċaħdu l-eċċezzjoni bbażata fuq l-artikolu 29 tal-Kap. 352 li l-istess Soċjetá Konvenuta Valletta Gateway Terminals qajmet ukoll f'dawk il-proċeduri għal dawn ir-raġunijiet:

*"l-iskop dikjarat tal-Kap. 352 huwa "biex jipprovdi għat-twaqqif ta' portijiet f'Malta, għar-reġistrazzjoni u liċenzjar ta' dgħajjes u bastimenti u sabiex jirregola l-użu tagħhom fl-ibħra territorjali ta' Malta u biex jistabbilixxi drittijiet u ħlasijiet u ħwejjeġ oħra anċillari għall-bastimenti."(il-preambolu għall-Kap. 352). Minn analiżi dettaljata tal-Kap. 352, jirriżulta illi l-obbligu tas-Soċjetà konvenuta li tipprovdi "a safe working environment" lill-ħaddiema mqabbdin minnha, bl-ebda mod ma jinkwadra ruħu fl-ambitu tal-Kap. 352 u għalhekk kwalunkwe ksur ta' dan l-obbligu m'għandux ikun milqut mill-perjodu ta' dekadenza stipulat bl-artikolu 29 tal-Kap. 352.*

*Tqis fl-aħħar nett illi l-mod kif inhu fformulat l-Artikolu 29 tal-Kap. 352 m'huwiex għal kollox ċar u jista' jagħti lok għall-ambigwità u għal interpretazzjonijiet u deċiżjonijiet konfliġġenti. Illi l-artikolu taħt eżami jimporta l-applikazzjoni ta' żmien limitattiv li fih azzjoni ta' riżarciment tad-danni setgħet tiġi eżerċitata. Tali dispożizzjoni tal-liġi għandha tiġi interpretata, f'każ ta' dubju, favur li tiġi ppreservata l-azzjoni, favur li d-dritt pretiż jiġi ppreservat. Dan għar-raġuni li l-eċċezzjoni tal-*

*preskrizzjoni/perjodu ta' dekadenza, għalkemm rikonoxxuta bħala meħtieġa biex tassigura illi l-azzjoni tiġi eżerċitata entro terminu stabbilit biex id-drittijiet u l-obbligi tal-kontenenti jiġu debitament aċċertati, hija minnha nnifisha odjuża u għandha għalhekk tiġi interpretata restrittivament." (Ara sentenza tal-**Q.A., 08.05.2001, Noel Ellul nomine vs. Avukat Dottor Joseph Zammit Mckeon nomine.)*** **(Anton Debono vs Valletta Gateway Terminals Limited et**).

**28.** Fil-Kawża l-oħra ta' Joseph Casha -vs- Valletta Gateway Terminal Ltd ġie osservat hekk :

*"8. Din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi l-art. 29 tal-Kap. 352 jolqot sitwazzjonijiet fejn l-Awtorità għat-Trasport f'Malta jew il-kuntrattur tagħha jkunu qegħdin jagħtu sevizz lil terzi jew jinqdew b'setgħat li tagħti l-istess liġi; jolqot ir-relazzjoni bejn l-awtorità jew il-kuntrattur u dawk li jinqdew bis-servizzi tagħhom, iżda ma jolqotx ukoll ir-relazzjoni bejn l-awtorità jew il-kuntrattur tagħha u l-ħaddiema mqabbda minnhom. Ma hemm ebda raġuni għala l-Awtorità jew il-konvenut għandhom igawdu posizzjoni privileġġjata f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-inkolumità tal-ħaddiema.*

*9. L-argument tal-konvenuta appellanti dwar il-posizzjoni tal-kliem "dwar ir-responsabilitajiet tagħhom taħt dan l-Att" ma jibdel xejn minn dan għax ma kienx jagħmel sens li kieku flok:*

*»**29.** Minkejja d-disposizzjonijiet ta’ kull liġi oħra, ma tista’ tittieħed ebda azzjoni kontra l-Awtorità jew kuntrattur dwar ir-responsabilitajiet tagħhom taħt dan l-Att, jew għal xi telf jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeġ oħra huma x’inhuma abbord bastiment … … …«*

*il-liġi kienet tgħid:*

*»**29.** Minkejja d-disposizzjonijiet ta’ kull liġi oħra, ma tista’ tittieħed ebda azzjoni kontra l-Awtorità jew kuntrattur, jew għal xi telf jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeġ oħra huma x’inhuma abbord bastiment dwar ir-responsabilitajiet tagħhom taħt dan l-Att … … …«*

*10. Din il-parti tal-aggravju hija għalhekk miċħuda.*

*11. Fit-tieni parti tal-aggravju l-konvenuta appellanti tgħid illi, ukoll jekk ir-raġunament tal-ewwel qorti dwar is-sitwazzjonijiet milquta bl-art. 29 kien korrett – kif fil-fatt kien, kif rajna fil-paragrafi ta’ qabel dan – ir-relazzjoni bejn l-attur u l-appellanti xorta hija konsegwenza tar-responsabilitajiet tal-appellanti taħt il-Kap. 352:*

*»Illi f’kull każ … … … ir-relazzjoni bejn l-attur u s-soċjetà esponenti hija konsegwenza tar-responsabilitajiet tagħha taħt l-Att, u dan għaliex il-kawża tirrigwarda inċident illi seħħ waqt il-ħatt ta’ merkanzija abbord bastiment liema operazzjoni ta’ ħatt ta’ merkanzija hija responsabilità tas-*

*soċjetà esponenti qua kuntrattur tal-awtorità taħt l-Att. Barra minn hekk, l-attur ma kienx sempliċiment passer-by iżda huwa ħaddiem tax-xatt ossia port worker, li huma ħaddiema liċenzjati mit-Transport Malta li f'dan il-każ hija l-awtorità taħt l-Att u s-soċjetà appellanti hija obbligata taħt il-liġi u mill-awtorità illi tingaġġa biss port workers għal din it-tip ta' operazzjoni;*

*»Illi għalhekk f'kull każ l-azzjoni odjerna tinkwadra ta[t l-artikolu 29 tal-Kap 352.*

*»Illi in kwantu għar-raġunament tal-ewwel qorti illi l-obbligu tas-soċjetà konvenuta li tipprovdi a safe working environment lill-ħaddiema mqabbda bl-ebda mod ma jinkwadra ruħu fl-ambitu tal-Kap. 352 … [sc. dan] imur kontra l-kliem operattiv tal-artikolu 29 li japplika "minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra".*

*»… … …*

*12. Ir-responsabilità tal-appellanti dwar ħatt ta' merkanzija hija parti mir-responsabilità tagħha taħt il-Kap. 352, iżda dik lejn il-ħaddiema mqabbda minnha ma hijiex responsabilità li toħroġ mill-Kap. 352 iżda toħroġ mil-liġi ġenerali dwar responsabilità akwiljana u mil-liġi ġenerali dwar sigurtà fuq il-post tax-xogħol u inkolumità tal-ħaddiema. Il-Kap. 352 japplika "minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra" f'dak li huwa regolat mill-istess Kap. 352, u mhux f'materja li ma hijiex regolata bil-Kap. 252.*

*13. Din il-parti tal-aggravju wkoll għalhekk ma tistax tintlaqa'.*

*14. F'kull każ, kif sewwa osservat l-ewwel qorti, il-mod kif inhu abbozzat l-art. 29 ma huwiex għalkollox feliċi: igħid illi "ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-Awtorità jew kuntrattur, jew għal xi telf jew ħsara li ssir lil xi persuna … … …" sakemm ma tkunx saret talba bil-miktub "mhux iktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oġġetti kienu aċċettati mill-Awtorità jew mill-kuntrattur". Kont tistenna li, sa mai, it-terminu f'każ ta' ħsara lil persuna jibda jgħaddi minn dak inhar tal-inċident mhux minn meta jkunu aċċettati l-oġġetti, ladarba ż-żewġ avvenimenti ma humiex marbutin ma' xulxin, iżda l-liġi ma tgħidx hekk. Dan joħloq dubju dwar id-dies a quo u, kif osservat l-ewwel qorti, dan id-dubju għandu jmur kontra l-eċċezzjoni ta' dekadenza."*

**29.** Din il-Qorti sejra bl-istess mod u għall-istess raġunijiet imsemmija fil-ġurisprudenza citata, tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri ta' dekadenza sollevata mis-Soċjetá Konvenuta.

*Preskrizzjoni ai termini tal-artiklu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.*

**30.** Din il-Qorti sejra issa tqis l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bbażata fuq l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Fin-nota tiegħu l-Attur jinsisti li l-preskrizzjoni applikabbli għal każ odjern ma hijiex dik ta' sentejn skont l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili iżda hija l-artikolu 2154 tal-istess Kodiċi. L-Attur isejjes din is-sottomissjoni fuq dak ritenut mill-**Prim' Awla tal-Qorti Ċivili per Imħallef Tonio Mallia fis-sentenza Joseph Camilleri vs Rascala of Malta Limited et datata 25 ta' Mejju 2006** (ara nota ta'

sottomissjonijet a' fol 188 – 191). Din il-Qorti taqbel ma' l-insenjament espress fis-Sentenza hemm ċitata. Fit-termini tal-artikolu 38 tal-Att dwar l-Awtoritá għas-Saħħa u s-Sigurtá fuq il-Post tax-Xogħol (kap. 424), ksur tad-dmirijiet ta' min iħaddem imposti fl-artikolu 6 tal-Att imsemmi u fir-regolamenti sussidjarji, jikkostitwixxu reat kontra l-istess Att.

**31.** Isegwi li azzjoni għal danni sofferti b'konsegwenza ta' ksur ta' dmirijiet ta' min iħaddem taħt il-Kap. 424 huma danni kkaġunati b'reat. Għalhekk it-terminu preskrittiv applikabbli mhuwiex dak stabbilit fl-artikolu 2153 iżda dak stabbilit fl-Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili. Skont dan l-artiklu r-regoli ta' preskrizzjoni relevanti u applikabbli għall-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għal-ħlas ta' ħsarat ikkaġunati b'reat huma "r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali", jiġifieri l-artikoli 687 sa 694 tal-Kap. 9.

**32.** Skont l-artikolu 38(3) tal-Kap. 424, il-piena għal reat taħt l-Artikolu 6 u r-regolamenti sussidjarji hija ta' priġunerija għal mhux iżjed minn sentejn. Isegwi għalhekk li l-perjodu preskrittiv skont il-Kodiċi Kriminali hu dak ta' ħames snin previst fl-artikolu 688(d). Mill-att tar-rikors ġuramentat jirriżulta li l-inċident seħħ fit-2 ta' April 2008 filwaqt li l-proċeduri odjerni ġew istitwiti fis-17 ta' Ġunju 2010. B'hekk ma laħaqx skada l-perjodu preskrittiv ta' ħames snin.

**33.** In vista tal-premess l-eċċezzjoni in disamina hija wkoll insostenibbli.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni tal-preskrizzjoni biennali a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

**Tiċħad** t-tieni eċċezzjoni rigward nuqqas ta' relazzjoni ġuridika;

**Tiċħad** l-eċċezzjoni ulterjuri abbażi tal-artikolu 29 tal-Kap. 352 tal-Liġijiet ta' Malta;

**L-ispejjeż** ta' din id-deċiżjoni parzjali jitħallsu mis-Soċjetá Konvenuta;

**Tordna** għalhekk il-prosegwiment tal-kawża.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**